**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 16 ta' Novembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs.**

**Charlene Gatt ID 254785(M)**

**Kawza Nru 211/22 NB**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputata: Charlene Gatt ta' 36 sena, bint Mario u Anna nee' Bartolo, imwielda fit-02 ta' Mejju 1985 gewwa Malta, detentrici tal-karta ta' l-ldentita' 254785(M) u residenti 94, Triq Martin, Zebbug**

**Akkuzata talli:** *fix-xhar ta' Marzu 2022 u fix- xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer ingurjat, heddedt jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi mimi servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*U aktar talli nhar il-21 ta' April 2022 kellha fil-pussess taghha jew kontroll taghha f'idejha jew fuqha, arma regolari, kif ukoll zammet u garret arma regolari Artikolu 6(a) tal- Kapitolu 480 tal- Ligijiet ta' Malta;*

*U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi u fix- xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddedt li taghmel xi reat, jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex taghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga,heddedt li takkuza jew li taghmel ilment kontra, jew biex timmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; jew ghamlet uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49 (a) (b) u/jew (c) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi u fix- xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, ingurjat jew heddedt Magistrat, waqt li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li tbezzghu inkella li tinfluwixxi fuqu kontra 1-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 93 (1) u (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi naqset milli tosserva l-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Magistrat Dr Caroline Farrugia Frendo LL.D fid-digriet taghha datat 29 ta' Novembru 2018 kif ukoll tal-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D datat 25 ta' Frar 2022 li bihom nghatat il-helsien mill-arrest taht garanziji varji, u dan bi ksur tal-Artikolu 579(1) (2) u (3) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2021 Onor Imhallef Dr. Aaron Bugeja LL.D ikkommettiet reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija u dan bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ikkommettiet reat waqt il-perjodu ta' ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Frar 2022 Magistrat Dr. Nadine Lia LL.D u dan bi ksur tal-Artikolu 23 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*U aktar talli rrendiet ruha recidiva ai termini ta' 1-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront taghha, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu.*

*Il-Qorti giet mitluba sabiex pendente lite tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.*

*Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tordna l-hrug ta' ordni ta' trazzin ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali.*

*Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex l-ammont stabilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta l-artikolu 579(2) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta;*

*Finalment il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

**Rat id-dokumenti** esebiti u l-atti proċesswali kollha.

**Semgħet, waqt is-seduta tat-22 ta' April 2022, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha** liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputata u semghet ukoll lill-imputata taghamel apologija formali fil-konfront tal-Magistrat Nadine Lia filwaqt li ddikjarat li hija taf lill-istess Magistrat Lia bhala persuna serja u ta' integrita u li jiddispjaciha tal-incident.

**Rat li fl-istess seduta tat-22 ta' April 2022, tramite d-difensuri taghha, l-imputata talbet sabiex in vista tal-ammissjoni isir *pre-sentencing report*,** liema talba ma kienetx opposta mill-prosekuzzjoni u giet milqugha mill-Qorti.

**Rat ir-rapport tal-*Probation Officer* Joanna Farrugia esebit waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2022 u mmarkat bhala Dok JF 1 (fol 32 et seq)** u semghet ix-xhieda tal-istess *Probation Officer* fl-istess seduta tal-**21 ta' Novembru 2022 (fol 31a sa c)** u tat-**2 ta' Gunju 2023 (fol 74 – 75)**.

**Rat ix-xhieda ta' CO 204 Justin Ellul,** ufficjal korrettiv fi hdan l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi, **fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2023 (fol 78 et seq)** fejn huwa xehed li l-imputata kienet instabet pożittiva ghad-droga meta ddahhlet il-habs fit-8 ta' Settembru 2022 u meta kienet dahlet *newly* fit-12 ta' Mejju 2022 u fl-20

ta' April 2020 u esebixxa **Dok JE1** izda kienet instabet negattiva f'dati aktar ricenti ossia mill-14 ta' Ottubru 2022 il-quddiem. Huwa xehed ukoll dwar ir-rapporti ta' dixxiplina fil-konfront tal-imputata fil-habs u esebixxa **Dok JE 2** u qal li l-ahhar kaz ta' dixxiplina kontriha kien fil-15 ta' Jannar 2023 fejn wehlet gurnata *cell confinement*.

**Semgħet u rat it-trattazzjoni traskritta tad-difiza waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2023 filwaqt li l-ufficjal prosekutur irrimetta ruhu ghall-atti.**

**Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.**

***<u>IKKUNSIDRAT</u>***

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-Ligi.

Madankollu l-Qorti hi tal-fehema li hemm lok ta' xi precizazzjonijiet fir-rigward ta' uhud mill-imputazzjonijiet.

**<u>Illi fir-rigward tal-imputazzjoni enumerata 6</u>** marbuta man-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputata in konnessjoni mad-Digrieti dwar il-helsien mill-arrest msemmija fl-istess imputazzjoni, filwaqt li l-imputata qeda tinstab hatja fuq ammissjoni taghha stess madanakollu irid jigi pprecizat li ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 579 (2) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta m'hemmx lok li jigi ordnat il-konfiska tal-garanziji marbuta mal-istess Digrieti u r-revoka tal-helsien mill-arrest billi dawn gja gew trattati ossia l-ammonti relattivi konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u l-helsien mill-arrest revokat b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-**4 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charlene Gatt (Kawza Nru 5567/2022) (fol 60 et seq)**.

**<u>Fir-rigward tal-imputazzjonijiet enumerati 7 u 8 dawn ukoll gja gew trattati u decizi</u>** minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charlene Gatt (Kawza Nru 5567/2022 DFD) deciza 4 t'Ottubru 2022.** F'dan ir-rigward il-Qorti rat ukoll li s-sentenza li saret referenza ghaliha fis-seba (7) imputazzjoni fil-fatt idahhlet fis-sehh fid-decizjoni appena msemmija filwaqt li s-sentenza li saret referenza ghaliha fit-tminn (8) imputazzjoni giet deciza finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminli (Appell Nru: 99/2022 CSH) fl-20 ta' Settembru 2022 fejn il-Qorti tal-Appell filwaqt li kkonfermat is-sejbien ta' htija varjat il-piena billi filwaqt li kkonfermat l-ghoti tal-*conditonal discharge* ghall-

perjodu ta' sena mis-sentenza ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero irrevokatha in kwantu ghall-ordni tal-hlas ta' multa ta' disa' mitt euro (€900). Ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-istess imputazzjonijiet enumerati 7 u 8 tac-*charge sheet*.

**Fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjonijiet** dawn jirrizultaw fuq ammissjoni tal-imputata stess u ghalhekk l-imputata qeda tinstab hatja tal-istess.

**In kwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata** din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeda tinstab hatja l-imputata, il-fedina penali pjuttost kulurita tal-imputata (Dok. "CC1" – fol 5 et seq), il-kontenut tal-*posts* in meritu (Dok "CC6" – fol 18 et seq) u l-*pre-sentencing report* redatt mill-ufficjal tal-*Probation* (Dok "JF 1" – fol 32 et seq) fejn l-ufficjal tal-probation irrakkomandat illi "*minhabba n-natura serja ta' dan ir-reat, in-nuqqas ta' kooperazzjoni fit-thejjija ta' dan ir-rapport, kif ukoll storja ta' ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qrati inkluz ta' supervizjoni, ma tinhassx li piena bbazata fil-komunita tkun wahda xierqa f'dan il-kaz. B'hekk umilment nitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex l-imputata tinghata piena karcerarja fejn it-terminu ghandu jkun dak li jinhass xieraq minn din l-Onorabbli Qorti*".

Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjonijiet imressqa mid-difiza fit-trattazzjoni finali taghha fejn sostniet li l-imputata rregistrat ammissjoni bikrija, skuzat ruhha ghall-akkadut u kif ukoll gibdet l-attenzjoni tal-Qorti li b'Digriet ricenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali (li pero ma giex esebit) l-imputata nghatat il-helsien mill-arrest li kwindi jfisser li tali Qorti wriet fiducja fl-imputata.

***DECIDE***

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li qeda tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-imputazzjonijiet enumerati seba (7) u tmienja (8) kif fuq spjegat, u wara li rat l-Artikoli 17(b) u (f), 18, 49, 50, 93(1) u (2), 95, 339(e), 342 u 579 (1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6, 51(7), 56 u 57 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a), (b) u (c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qeda ssib lill-**Charlene Gatt ID 254785(M)** ħatja tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra taghha u tikkundannaha **ghal perijodu komplessiv ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija u multa komplessiva ta' tlett elef tlett mija tmienja u hamsin Ewro u erba u ghoxrin centezmu (€3,3586.24) u b'applikazzjoni tal-Artikolu 56 u 57 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-arma ossia s-sikkina esebita (Dok CC7) filwaqt li tipprojbixxi lill-hatja milli jkollha licenzja ghal zmien tlett (3) snin millum.**

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputata għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qeda tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess ghall-atti kollha ta' dawn il-proceduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiz-zmien pprovdut mill-Ligi.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**16 ta' Novembru 2023**